# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 600/2016/LSO**

**Annie Caruana (81943 (M)), Josette Cassar (467382 (M)), Mario Cassar (493762(M), Charles Caruana (360375(M)), Joanna Caruana (159277(M)) Paul Rapa (534263(M)) u Doris *sive* Doreen Rapa (467182(M))**

**vs**

**Grace Sammut, Paul**

**Sammut, Noel Sammut, Martha Gregoraci, Joseph Sammut, Jesmond Sammut u Charlo Sammut**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Annie Caruana, Josette Cassar, Mario Cassar, Charles Caruana, Joanna Caruana, Paul Rapa u Doris *sive* Doreen Rapa datat 20 ta’ Lulju 2016 fejn Charles Caruana bil-gurament tieghu jikkonferma:-

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi permezz ta' Skrittura Privata datata 16 ta' Dicembru 2014, l-esponenti krew is-sit/struttura fil-bajja tal-Ghadira l-Mellieha bin-numru A10, kopja annessa u mmarkata Dok AC1;

2. Illi originarjament dan il-fond kien jigi mikri minn missier l-esponenti, Costantino Caruana illum mejjet, permezz ta' Skrittura Privata li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. Dok AC2, liema kirja giet terminata fit-13 ta' Dicembru 2010 meta gie nieqes l-istess Constantino Caruana skont ic-certifikat tal-mewt relattiv li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. Dok AC3 u eventwalment ghaddiet ghand l-esponenti

peress illi huma gew rikonoxxuti *in solidum* bejniethom bhala l-inkwilini tal-fond permezz tad-dokument datat 26 ta' Settembru 2011, anness u esebit u mmarkat Dok AC4;

3. Illi matul il-perijodu tal-ewwel kirja, id-defunt Costantino Caruana kien jilqa' fiha lill-konvenuti, illi jigu ohtu u n-neputijiet tieghu rispettivament, bhala familjari tieghu;

4. Illi l-konvenuti qeghdin jippretendu illi huma jibqghu jigu milqugha fil-fond in kwistjoni (kif kien jigri matul iz-zmien illi l-kirja kienet issejjah lid-defunt Constantino Caruana) anke jekk din giet terminata, u fi kwalunkwe il-konvenuti qatt ma kellhom ebda titolu validu fil-ligi;

5. Illi fil-fehma tal-atturi, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw u l-ebda difiza x'jaghtu f' dan ir-rigward;

6. Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

7. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu validu in konnessjoni mal-fond A10, fil-Bajja tal-Ghadira, Mellieha u ghaldaqstant tordnalhom sabiex ihallu

l-istess fond liberu u bartal u ma jressqu ebda pretensjoni ohra fir-rigward tal-istess;

## C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu validu fuq il-fond A10, fil-bajja tal-Ghadira, Mellieha;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex, f'terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, ihallu liberu u battal il-fond imsemmi ossia jitilqu u jizgombraw mill-istess jekk ikun il-kaz *stante* illi huma ma ghandhom ebda pretensjoni valida fir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-rikors ta' Grace Sammut et datata 28 ta' Ottubru 2016 (fol 25) fejn l-esponenti bir-rispett jitlolbu sabiex jinghataw l-opportunita` u l-awtorizzazzjoni halli jissottomettu risposta ossia eccezzjoni sabiex tkun tista' tigi kkontestata din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 6 ta' Dicembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Marita Tabone ghall-atturi prezenti u Dr Martin Fenech ghall-konvenuti prezenti. Xehdet bil-gurament taghha Grace Sammut, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq ir-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-31 ta’ Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II **<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi bir-rikors taghhom tat-28 ta’ Ottubru 2016, il-konvenuti fil-kawza talbu li jinghataw l-opportunita` biex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u jigu awtorizzati li jressqu risposta guramentata jekk din il-Qorti takkolji t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Illi skont l-**artikolu 156 tal-Kap 12** tal-ligijiet ta’ Malta, l-legislatur fisser li f’kull rikors guramentat "ghandu jkun hemm stampat b’ittri cari u precizi taht l-intestatura avviz li min jircievi r-rikors ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirceviha. ...... "Jekk il-konvenut jonqos milli jipprezenta r-risposta guramenata tieghu f'dan it-terminu lilu prefiss, jibqa' kontumaci (**art. 158(10) tal-Kap 12** tal-ligijiet ta’ Malta). Madanakollu jista' jressaq talba lill-Qorti ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Id-decizjoni gwida f’materja ta’ kontumacja hija dik fl-ismijiet “**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassalo**” deciza mill-

Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellante di chiamata ad altri doveri imprescendibili";*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali*." (Dawn l-istess principji gew ribaditi wkoll fis-sentenza **Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz **Tal-Franciz Construction Limited vs Michael Ciappara**, P.A. (1163/2012) deciza fil-31 ta' Mejju 2013.

Referibbilment ghal dawn il-principji, inghad ukoll, li dawn ghandhom jigu applikati fl-isfond tal-insenjament li l-istitut tal-kontumacja ghandu l-origini tieghu bhala mizura ta'

dixxiplina lejn l-awtorita` tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita` tal-Qorti. (Ara **Francis Cutajar vs Mariano Farrugia et** (586/2010) - deciza fil-5 ta' Mejju 2011, u **Macpherson Meditterannean Ltd. vs Godwin Gatt Suban et**, P.A. (2409/97) deciza fil-21 ta' April 1999).

Fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited,** deciza fit-28 ta'Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell irriteniet izda li:

"*L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv - hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (*Ara wkoll **Vella pro et noe vs Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII- II-170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici,** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975,

**Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999).

Illi izda l-prezenza wahedha tal-konvenut fil-proceduri, bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, mhix bizzejjed biex jinghata l-opportunita` biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet. (Ara **Joseph Aquilina et vs Lino Debono** - Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 1997, u **Maria Zammit et vs Agostino Zammit**, P.A. (RCP) (1314/2000/2) deciza fil-11 ta' Marzu 2003.

Illi fir-rikors taghhom l-intimati f'dan il-kaz sostnew li malli gew notifikati bl-atti marru mill-ewwel ghand l-avukat taghhom. Gie rilevat li minhabba zball tal-avukat difensur taghhom, *stante* li kienu rcevew hafna karti u peress li t-tabella tal-ghoxrin jum kienet ikkancellata, kien jidher li l-procedura odjerna kienent dik tal-giljottina, u ghalhekk inghatat struzzjoni lill-intimati biex jidhru fil-gurnata tal-Qorti biex jikkontestaw il-proceduri bil-giljottina. Illi bi zvista, ma giex innutat mill-avukat, li kien hemm karta ohra bid-digriet tal-Qorti datat 27 ta' Lulju 2016 li ordnat li l-kaz jitkompla bil-proceduri normali. Gie sottomess ukoll, fir-rikors tal-intimati, li huma ghandhom kull interess jikkontestaw il-kaz, tant hu hekk li diga hemm sentenza tal-Qorti tal-Magistrati sabiex l-atturi jaghtu kopja tac-cavetta lill-intimati, liema decizjoni tinsab ukoll pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

In sostenn ghat-talba taghhom, ir-rikorrenti rreferew ghall-kaz "**Ian Zahra vs Charles Demicoli et**", P.A. (RCP) deciza fit-23 ta' Mejju 2000, fejn gie ritenut li jekk il-konvenut ma kellux intenzjoni jinjora l-proceduri tal-Qorti, u

ma kienx tort tal-konvneut li ma gietx ipprezentata risposta fil-hin stipulat mil-ligi, in konsiderazzjoni tal-principji tal-gustizzja, l-istess konvenut ghandu jinghata l-fakolta` li jiddefendi l-kawza tieghu. F'dan l-istess kaz citat mill-intimati, gie ribadit li f'kazijiet simili, l-konvenut m'ghandux ibati konsegwenzi ghall-izball tal-istess difensur tieghu, in kwantu jigi meqjus ukoll jekk il-konvenut ikunx deher quddiem il-Qorti, peress li l-kontumacja trid tkun formali kif ukoll sostanzjali, billi l-konvenut irid ikun assenti kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.

Illi l-intimata **Grace Sammut** xehdet li malli rceviet l-atti tal-Qorti marret immedjatament ghand l-avukat, li qalilha imbaghad jidhru l-Qorti u jitkellmu minn hemmhekk.

Min-naha l-ohra, r-rikorrenti, fir-risposta taghhom datata s-6 ta' Dicembru 2016, issottolineaw li ghalkemm l-intimati gew notifikati bid-dokument li fih hemm referenza, ghall-giljottina, huma gew notifikati wkoll bid-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Lulju 2016, ghalhekk dan ma jammontax ghal zball izda ghal negligenza. Illi gie sostnut li l-fatt li l-kaz huwa kkontestat mhijiex raguni sufficjenti ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja *stante* li *si tratta* ta' kontumacja kolpuza da parti tal-intimati. Ir-rikorrenti, fir-risposta taghhom, iccitaw diversi kazijiet li jenfasizzaw il-punt, li mhux sufficjenti li l-intimati ma ridux juru disprezz lejn il-Qorti u li kellhom interess fil-kaz, izda b'dan ma jiggustifikawx li nuqqas li jottemperaw ruhhom ma' dak li tghid il-ligi.

Ikkonsidrat li din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu t-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, imposti statutorjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju. Ghalhekk, fil-materja ta' kontumacja l-intimat irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Illi kawza attribwibbli ghall-volonta` jew *culpa* tieghu mhijiex 'kawza gusta'.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-gurisprudenza nostrana, *"f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"* (**Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996).

Illi fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li kien hemm din il-*culpa* jew in-negligenza da parti tal-intimati *stante* li huma ressqu l-atti li kienu rcevew lill-avukat taghhom malli rcevewhom. Ma jirrizultax li l-intimati qaghdu jitrattjenu jew illi naqsu milli jikkomunikaw mal-avukat. Ikkonsidrat ukoll, li l-intimati ntebhu li rcevew xi haga serja mhux tas-soltu, tant li rreferew il-karti kollha ricevuti lill-avukati minghajr dewmien. F'dan ir-rigward, il-Qrati Taghna gharfu bejn dawk il-kazijiet fejn l-imgieba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex il-kaz jaqa'

kontumaci. (Ara **Dr. Christopher Muscat vs Raymond Bugeja noe.** P.A. (RCP) deciza fis-16 ta' Marzu 1999, u **Waldonet Ltd. vs David Thake P.A. (JRM)** deciza fit-3 ta' April 2003). Ghalhekk, hawnhekk, ta' min isemmi dak ribadit fil-kaz **Golden Gate Limited vs Meliton Group Ltd**. P.A. (RCP) deciza fis-6 ta' Mejju 1999, "……*ghall-izball ta' terz m'ghandux jigi pregudikat il-konvenut li jiddefendi l-kawza tieghu, u dan anke fid-dawl tal-principju 'audi alteram partem'".*

*In vista* tal-principju fondamentali *audi alteram parte* il-Qorti ghandha l-obbligu li ladarba jidher il-konvenut quddiem il-Qorti, tara jekk ghandux ragunijet gusti sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, u dan fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu 158 (10) tal-Kap 12, fejn il-konvenut ikun kontumaci jekk ma jipprovax a sodisfazzjon tal-Qorti raguni tajba li jkun naqas li jipprezenta risposta.

Jirrizulta li l-intimati meta gew servuti bl-att tac-citazzjoni, ikkomunikaw direttatment mal-avukat taghhom. Ghalhekk, ma tirrizultax negligenza jew mankanza ta' azzjoni da parti taghhom, fis-sens li ma baqghux passivi. *Di piu`,* jirrizulta li huma ghamlu kif qalilhom l-avukat taghhom, li dehru l-Qorti, fejn fit-18 ta' Ottubru 2016 huma kienu prezenti fl-Awla. Ghalkemm, mhuwiex sufficjenti li l-intimat ikun prezenti fl-Awla biss peress li hu essenzjali r-rekwizit l-iehor li jirrispondi formalment bin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, izda l-kontumacja trid tiqies minn zewg aspetti, dak formali u dak sostanzjali (u cjoe` l-assenza mill-udjenza tal-Qorti).

Ikkonsidrati r-rizultanzi tal-fatturi fil-kaz in ezami, illi l-intimati kkuntatjaw lill-avukat taghhom immedjatament malli rcevew l-atti tac-citazzjoni, izda in segwitu l-avukat difensur taghhom qalilhom li l-pass li jmiss kien li jidhru l-Qorti peress li bi zvista ma rax id-dokument anness bid-digriet tal-Qorti datat 27 ta' Lulju 2016 (fol 20), u ghalhekk dan l-izball tal-avukat ta lok ghall-kontumacja. Illi gie sostnut mill-intimat, li l-fatt li r-rikors promotur kellu t-tabella ta' ghoxrin jum ikkancellata, kompliet tikkontribwixxi ghall-izball, billi l-avukat haseb li l-kawza kienet giljottina u ma hax konoxxenza tad-digiret ta' din il-Qorti tas-27 ta' Lulju 2016.

Tenut kont tac-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-intimati gabu l-provi necessarji ghall-allegazzjonijiet taghhom. Ikkunsidrat li jidher li kien hemm "zball genwin" u mhux traskuragni ingustifikabbli da parti tal-intimati. Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa' t-talba taghhom ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Illi ghalhekk, it-talba tal-intimati kif proposta fir-rikors taghhom datat 28 ta' Ottubru 2016, ghandha tigi milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talba taghhom kif kontenuta fir-rikors tat-28 ta' Ottubru 2016, a fol 25 tal-process, tiddikjara li rnexxielhom jiggustifikaw il-kontumacja taghhom, u tawtorizzahom sabiex fi zmien

ghoxrin jum millum jipprezentaw risposta guramentata skont il-ligi.

**L-ispejjez jithallsu mill-istess intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2017**